MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta ta' l-10 ta' April, 2007

Numru 149/2006

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jesmond Borg)**

**vs**

**DARREN DEBONO**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Darren Debono ta’ 32 sena, bin Paul u Maria Concetta nee’ Farrugia , imwieled San Giljan, fid-9 ta’ Jannar, 1974 u joqghod fil-font imsejjah: ‘St. Joseph’, Triq Sant’ Antnin, San Gwann u detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru: 49474(M) gie akkuzat:

A) Talli nhar it-13 ta’ Jannar, 2006, ghal habta ta’ l-4.15 ta’ wara nofsinhar, gewwa l-Airmalta Cargo Shed, Luqa Airport, Luqa volontarjament ghamel hsara fil-propjeta’ (nuccali) ta’ Kevin Attard, liema hsara ma tiskorrhiex il-hames mitt lira Maltin (Lm500) imma tiskorri l-hamsin lira Maltin (Lm50) u dana bi ksur ta’ l-artiklu 325(1)(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.
B) Talli fl-istess data, hin u lok, ikkaguna feriti ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ Kevin Attard skond kif iccertifikat minn Dr. Joseph Galea M.D. (Warrant Mediku Nr.: 2652) it-tabib tac-Centru tas-sahha tal-Furjana u dana bi ksur ta’ l-artiklu 221 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.
C) Talli fl-istess data, hin u lok, uza vjolenza sabiex igieghel lil Kevin Attard jaghmel, ihalli ssir jew jonqos milli jaghmel xi haga u dana bi ksur ta’ l-artiklu 251(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.
D) Talli fl-istess data, hin u lok, hebb kontra l-persuna ta’ Kevin Attard sabiex jingurja jew jaghmel hsara lill-istess u dana bi ksur ta’ l-artiklu 339(1)(d) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.
E) Talli fl-istess data, hin u lok, ingurja u hedded lil Kevin Attard u dana bi ksur ta’ l-artiklu 339(1)(e) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.
F) Talli fl-istess data, hin u lok, qal fil-pubbliku kliem oxxen u ndicenti u dana bi ksur ta’ l-ariklu 338(bb) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.
G) Talli fl-istess data, hin u lok, volontarjament kiser il-buon ordni u il-kwiet tal-pubbliku u dana bi ksur ta’ l-artiklu 338(dd) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.
H) Talli fl-istess data, hin u lok, kif ukoll fil-granet precedenti bil-hsieb li jtellef jew inaqqas il-gieh ta’ Kevin Attard wegghu bi kliem jew b’xi mod iehor u dana bi ksur ta’ l-artiklu 252(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex tapplika l-artiklu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet provi.

Rat l-atti u id-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali li jinsab a fol. 12 tal-Process (Dok K) u nnutat li l-imputat m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li l-imputat fis-Seduta tallum iddikjara li qieghed jammetti l-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega' wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputat ikkopera mal-Pulizija.

Innutat ukoll li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-imputat iddikjara li fi zmien xahrejn millum sejjer ihallas lill-parte civile Kevin Attard l-ammont ta' Lm176 rappresentanti l-hsarat sofferti minnu f'dan l-incident.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 325(1)(b), 221, 251(1), 339(1)(d), 339(1)(e), 338(bb), 338(dd) u 252(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Darren Debono, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fedina penali netta tal-imputat, li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputat ikkopera mal-Pulizija u li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-imputat iddikjara li fi zmien xahrejn millum sejjer ihallas lill-parte civile Kevin Attard l-ammont ta' Lm176 rappresentanti l-hsarat sofferti minnu f'dan l-incident, inkwantu ghall-akkuzi A), B), C) u H) tillibera lill-istess imputat Darren Debono taht il-Provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin millum u nkwantu ghall-akkuza D) tikkundanna lill-imputat Darren Debono ghall-piena ta' ghoxrin Liri Maltin (Lm20)

ammenda, nkwantu ghall-akkuza E) tikkundanna lill-imputat Darren Debono ghall-piena ta’ ghoxrin Liri Maltin (Lm20) ammenda, nkwantu ghall-akkuza F) tikkundanna lill-imputat Darren Debono ghall-piena ta’ ghaxar Liri Maltin (Lm10) ammenda u nkwantu ghall-akkuza G) tikkundanna lill-imputat Darren Debono ghall-piena ta’ ghoxrin Liri Maltin (Lm20) ammenda.

Inoltre, il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-art. 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, torbot lill-imputat Darren Debono b’obbligazzjoni personali ta’ Lm100 li jzomm il-kwiet ma’ l-istess Kevin Attard u li jzomm il-bonordni pubbliku ma’ kulhadd ghal zmien sena millum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Darren Debono l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------